# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 25**

**Rikors numru 800/07/1 AF**

**Estate Catering Houseware Enterprises Limited (C-1476) u fil-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2016, il-Qorti laqgħet it-talba biex Malcom Mifsud CPA ġie nominat ikompli l-kawża bħala stralċjarju tas-soċjetà attriċi**

**v.**

**Sergio Manché, Sandra Manchè, Anna Rapa u b'digriet tas-17 ta' Awwissu 2007, l-Avukat Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Nadia u Giacomo konjuġi Palma**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-imħarrkin kollha minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' April, 2018, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra: (i)

astjeniet milli tieħu qies tal-ewwel talba tal-kumpanija attriċi u dan wara li laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin; (ii) ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eċċezzjonijiet kollha fil-mertu tal-imħarrkin; (iii) laqgħet it-tieni talba tal-kumpanija attriċi u b'hekk ordnat lill-konvenuti sabiex fi żmien tletin (30) jum mid-data tas-sentenza jroddu lura l-merkanzija mgħoddija lilhom '*on consignment*' jew li, fin-nuqqas t'hekk, kellhom iħallsu lill-attriċi l-prezz tal-merkanzija fis-somma ta' tmienja u sittin elf, mija u tnejn u sebgħin ewro u dsatax il-ċenteżmu (€68,172.19), bl-imgħax mill-20 ta' Awwissu 2007 u dan solidalment bejniethom; u (iv) fl-aħħar nett ikkundannat lill-imħarrkin sabiex iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża, għajr għal dawk marbuta mal-ewwel talba, li kellha tħallashom il-kumpanija attriċi u dan għaliex dik il-Qorti dehrilha li t-tali talba saret għal xejn b'xejn;

2. Il-kumpanija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellata") kienet fittxet lill-imħarrkin biex jew iroddulha lura merkanzija jew prodotti ("*white goods*" għal użu domestiku) li kienet ikkonsenjatilhom "*on consignment*" biex ibiegħuhom minn stabiliment li jġib l-isem ta' "*Tabletop*" fil-Belt Valletta mmexxi mill-appellant Manchè, jew li jroddulha lura l-prezz ta' dak il-materjal jew prodotti li ma kinux għadhom aktar f'idejhom. Matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża, l-appellata tqiegħdet fi stralċ u, għall-bqija taż-żmien sa ma ngħatat is-sentenza appellata, kien jidher għaliha l-istralċjarju maħtur;

3. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha fil-mertu billi għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Fil-mertu, il-konvenuti jeċċepixxu biss illi fi tmiem il-ftehim ma kienx hemm pendenzi bejn il-partijiet u li huma m'għandhom l-ebda merkanzija xi jroddu lura lis-soċjetà attriċi u lanqas ma huma debituri tagħha.*
>
> *Sabiex tissostanzja t-teżi tagħha, is-soċjetà attriċi ppreżentat dokument li Charles Grech, għan-nom tal-istess attriċi, spjega li huwa statement tal-consignment account tal-ħanut Tabletop, ġestit mill-konvenut Sergio Manche, minn fejn jirriżulta li fuq dan il-kont hemm bilanċ ta' LM29,266.32, illum €68,172.19 x'jitħallas għall-merkanzija li ssuplixxiet l-attriċi lill-konvenuti. Huwa ppreżenta wkoll elenku tal-merkanzija li qal illi l-attriċi ssuplixxiet lill-konvenuti kif ukoll fatturi li juru l-merkanzija li kienet timporta l-attriċi. Charles Grech spjega li dawn huma l-uniċi dokumenti li setgħet tippreżenta l-attriċi peress illi minkejja li fil-passat kellu fil-pussess tiegħu fatturi ffirmati mill-konvenuti, dawn u d-dokumenti kollha li kienu jirrigwardaw in-negozju bejn il-partijiet fil-kawża ntremew biż-żball.*
>
> *Paul Galea, li għamel xi żmien jieħu ħsieb l-accounts tas-soċjetà attriċi spjega li jiftakar li kien hemm consignment account f'isem il-ħanut Tabletop ta' ftit aktar minn LM30,000. Huwa spjega li dan il-kont kien għall-kotba tal-kumpannija 'a working capital' peress illi s-soċjetà attriċi kienet tirrimpjazza l-merkanzija li kien ibiegħ il-konvenut Sergio Manche u dan kien iħallas skont il-fatturi maħruġa mill-attriċi. Huwa jżid jgħid illi sakemm dam impjegat mas-soċjetà attriċi, il-bilanċ tal-imsemmi consignment account baqa' l-istess.*
>
> *Xehed ukoll Emanuel Farrugia, l-accountant tal-konvenut Sergio Manche li da parti tiegħu spjega li qabel ġiet intavolata din il-kawża, huwa lanqas biss kien jaf bil-consignment account in kwistjoni. Hu kkonferma li kien jaf illi l-konvenut kellu xi merkanzija li ma kinitx tiegħu għaliex kien ibiegħ on consignment u li allura l-merkanzija li kienet tissuplixxi l-attriċi kienet titħallas mill-konvenut biss meta kien isir bejgħ tagħha lil terzi mill-ħanut Tabletop. Ix-xhud spjega li wara li spiċċaw jinnegozjaw flimkien is-soċjetà attriċi u l-konvenut Manche, dan tal-aħħar kien infurmah li ma kienx għad baqalu merkanzija tal-attriċi. Huwa żied jgħid illi ma kellux informazzjoni dwar x'ħallas il-konvenut lill-attriċi.*
>
> *L-awditur Peter Paul Darmanin spjega li huwa kien l-awditur tas-soċjetà attriċi. Huwa kkonferma li skont l-audited accounts tagħha, l-ammont ta' LM29,266.32 kien dovut lill-attriċi għall-merkanzija li ssuplixxiet on consignment lill-ħanut Tabletop, u skont l-istess auditied accounts, dan il-bilanċ qatt ma tħallas.*

*Da parti tiegħu, il-konvenut Sergio Manche kkonferma li l-ftehim bejn il-partijiet kien li huwa jħallas il-prezz tal-merkanzija li kienet tissuplixxi l-attriċi, imbagħad il-profitt jinqasam bejn il-partijiet. Huwa jinsisti li ħallas kull fattura maħruġa mis-soċjetà attriċi għall-merkanzija li kienet inbiegħet mill-ħanut, filwaqt illi kwalunkwe oġġett li ma nbiegħx kien irritornah lura lill-attriċi. Huwa qal illi ma kienx ħallas għall-ewwel konsenja ta' merkanzija li ssuplixxiet l-attriċi imma kien iħallas biss meta jsir bejgħ u l-merkanzija tiġi rimpjazzata. Huwa insista wkoll li maż-żmien, il-ftehim tad-19 ta' Mejju 1986 spiċċa peress illi d-discontinued items tħallsu, ix-xogħol li ma nbiegħx ġie ritornat lill-attriċi u ma kienx għad baqa' bilanċ x'jitħallas fuq il-consignment account. Il-konvenut spjega kif wara li spiċċa dan in-negozju bejn il-partijiet, huwa beda jinnegozja ma Charles Grech direttament. Għal darb'oħra, il-konvenut insista li wara li spiċċa n-negozju skont il-ftehim oriġinali, huwa kien irritorna l-merkanijza li baqgħet ma nbiegħetx u ħallas il-bilanċ pendenti. Madanakollu, huwa qal li m'għandu l-ebda rċevuta u addirittura l-ebda dokument ieħor x'juri sabiex jissostanzja l-eċċezzjonijiet tiegħu.*

*...omissis...*

*Fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet George Bugeja vs Joseph Meilaq tat-30 t' Ottubru 2003, din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet illi:*

> *"Fil-kamp ċivili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti ghall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli. Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' "in dubio pro reo""."*

*Il-konflitt tal-provi huma xi ħaġa li l-Qrati jridu min dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibiltà u partikolarment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex verżjoni teskludi lill-oħra, ukoll fuq bilanċ ta' probabiltajiet, u preponderanza tal-provi, għaliex dawn, f'kawżi ċivili huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Farrugia vs Farrugia, deċiza mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru 1966).*

*Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Mario Mifsud vs Carmelo Mifsud, deċiża fit-12 ta' Novembru 2003, il-Qorti tal-Appell Inferjuri irriteniet illi:*

*"Issa huwa minnu illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallega fatt u mhux fuq min jinnegah. Dan jghidu espressament l-Artikolu 562 tal-Kap 12.*

*Tajjeb f'dan l-istadju li jigi precizat illi l-principju tal-oneru tal-provi ma jfisserx illi d-dimostrazzjoni tal-fatti kostituttivi tad-dritt pretiz trid tigi rikavata esklussivament minn provi offerti minn min huwa gravat b'dan l-oneru. Dan ghaliex dejjem jistghu jigu utilizzati elementi probatorji ohrajn akkwiziti fil-process, in kwantu fl-ordinament guridiku taghna jvigi l-principju li r-rizultanzi istruttorji jistghu jigu ottenuti bi kwalsiasi mod, anke indipendentement mill-inizzjattiva tal-parti, basta jikkonkorru flimkien u indistintament ghall-konvinciment tal-gudikant. Fil-verita` xejn ma hu eskluz, lanqas l-uzu ta' prova fornita minn parti li kapaci tforni elementi favorevoli lill-kontro-parti.*

*Konformement ma' dan il-kuncett hemm dak li l-piz probatorju tal-konvenut in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu tinsorgi fih una volta l-attur minn naha tieghu ikun gab prova ta' fatt jew fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni attrici ma tiddispensax lill-attur mill-oneru li adegwatament jiddimostra l-legittimita` u l-fondatezza tal-meritu tal-pretensjoni tieghu.*

*Fil-kaz, imbaghad, li l-konvenut ma jikkuntentax ruhu bis-semplici kontestazzjoni generika tal-assunt tal-attur, u anzi jikkontrapponga difiza artikolata fuq fatti diversi minn dawk formanti l-bazi tad-domanda attrici, u dan tramite eccezzjoni sostanzjali, allura jinsorgi fih l-obbligu li hu wkoll igib il-quddiem prova dimostrattiva a sensu tal-Artikolu 562, s'intendi dejjem bil-konsegwenzjali relattiva f'kaz ta' prova insufficcjenti jew insodisfacenti."*

*Huwa prinċipju paċifiku li l-piż tal-prova tal-pagament hu fuq id-debitur li jallegah. Prova din li hu jista' jagħmel b'kull mezz in kwantu li l-produzzjoni ta' rċevuta m'hijiex indispensabbli u jistgħu jinġiebu provi oħra konvinċenti (Ara f'dan is-sens id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kummerċjali fl-ismijiet Avv. John Buttigieg noe vs Joseph Portelli noe tas-26 ta' Jannar 1976).*

*Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, il-Qorti hija tal-fehma li l-verżjoni l-aktar verosimili hija dik tas-soċjetà attriċi, in kwantu li din hija sostanzjata minn xhieda u dokumentazzjoni li għalkemm mhijiex dettaljata, hija verifikata minn awditur. Dan kollu jikkontrasta mal-verżjoni tal-konvenut, li għalkemm jisħaq li kien ħallas kollox u rritorna dik il-merkanzija li kien għad baqa', ma ressaq l-ebda prova in sostenn tat-teżi tiegħu. Il-Qorti mhijiex sodisfatta li l-konvenut qatt ħallas għall-merkanzija oriġinali li kienet issuplixxiet l-attriċi u ma tistax ma tkunx imħassba dwar il-verżjoni tal-konvenut. Il-konvenut li jallega l-pagament, għandu l-obbligu li jipprovah u dan mhux biss b'dikjarazzjonijiet ġeneriċi u vagi li huwa m'għandux jagħti għaliex ħallas u/jew irritorna kollox.*";

4. L-imħarrkin kollha (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "l-appellanti") ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u appellaw minnha b'rikors imressaq minnhom fit-8 ta' Mejju, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, talbu lill-Qorti sabiex: "*tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza tat-18 ta' April 2018 fl-ismijiet fuq premessi, u tgħaddi sabiex filwaqt li tiċħad it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti appellata, tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-istess soċjetà rikorrenti appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess soċjetà rikorrenti appellata*";

5. L-appellata laqgħet għal dan billi permezz ta' risposta mressqa minnha fit-3 ta' Lulju, 2018, fissret għalfejn il-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti huma tajba u li b'hekk l-appell tal-imħarrkin għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontrihom;

6. Il-Qorti, wara li ħadet qies ta' dan kollu, semgħet lill-avukati tal-partijiet, kif ukoll rat l-atti kollha ta' din il-kawża, hija issa f'qagħda biex tgħaddi għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

7. B'din l-azzjoni l-appellata qiegħda tistrieħ fuq ftehim bil-miktub imsemmi bħala '*Sole Agency Agreement',* li ġie ffirmat mill-partijiet fid-19 ta' Mejju, 1986[1]. Il-kumpanija appellata qiegħda tgħid li, meta l-partijiet

[1] Kopja ta' dan il-ftehim tinsab mehmuża mar-rikors maħluf u mmarkata bħala 'Dokument A'. Ara paġni 5 sa 8 tal-proċess.

waqfu jinnegozjaw bejniethom, il-valur tal-merkanzija li hija kellha fil-ħanut tal-imħarrkin kien ilaħħaq l-ammont ta' LM 29,266.32c. Tilmenta li għalkemm hija talbet lill-imħarrkin sabiex iroddulha lura dik il-merkanzija jew inkella jħallsu prezzha, dawn baqgħu m'għamlu xejn minn dak mitlub minnha u minħabba f'hekk hija ressqet din il-kawża li fiha talbet lill-Qorti sabiex fost l-oħrajn: "*[t]ordna lill-intimati 'in solidum' jirrestitwixxu l-merkanzija mgħoddija lilhom 'on consignment' u fin-nuqqas tikkundannahom 'in solidum', iħallsu prezzha fl-ammont ta' LM29,266.32c*";

8. Filwaqt li l-konvenuti mhumiex qed jiċħdu l-eżistenza tal-ftehim imsemmi mill-kumpanija appellata, min-naħa l-oħra qegħdin jgħidu li fi tmiem ta' dak il-ftehim ma kien għad fadal ebda pendenzi bejniethom, u għalhekk qajmu l-eċċezzjoni li huma m'għandhom l-ebda merkanzija xi jroddu lura lill-attriċi u li lanqas ma huma b'xi mod debituri tagħha[2];

9. Wara li l-Ewwel Qorti qatgħet din it-tilwima billi tat raġun lill-kumpanija attriċi, il-konvenuti qegħdin issa jressqu appell minn dik is-sentenza u dan fuq ir-raġuni li dik il-Qorti wettqet apprezzament ħażin tal-provi;

---

[2] Ara t-tweġiba maħlufa tal-appellanti f'paġna 24 tal-proċess.

10. Minn ħarsa lejn ir-rikors tal-appell jidher li l-ilment ewlieni tal-appellanti huwa fis-sens li l-Ewwel Qorti straħet għal kollox fuq il-verżjoni tal-kumpanija appellata, u dan mingħajr ma biss qieset il-fatt li dik il-kumpanija ma ressqet l-ebda dokumenti jew provi fattwali sabiex tissostanzja t-talbiet tagħha. Skont l-appellanti, il-kumpanija appellata naqset milli twettaq il-piż tal-prova mistenni minnha u, f'dan is-sens, jilmentaw li l-Ewwel Qorti warrbet għal kollox l-obbligu tal-appellata li tressaq il-provi kollha meħtieġa u 'l-aħjar prova' sabiex tipprova l-każ tagħha. Għalkemm jirrikonoxxu li l-apprezzament tal-fatti huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-ġudikant u li, bħala regola, din il-Qorti ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni, jargumentaw li dan il-prinċipju jgħodd biss sakemm din il-Qorti ma jirriżultalhiex li l-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti kienet waħda żbaljta b'tali mod li twassal biex titwettaq inġustizzja. Jilmentaw li f'dan il-każ, l-apprezzament tal-provi li wettqet l-Ewwel Qorti ma kienx wieħed tajjeb u ma jirriflettix sewwa l-provi li hemm fl-atti, u b'hekk qed tistieden lil din il-Qorti sabiex tistħarreġ dak l-apprezzament;

11. Filwaqt li jirreferu għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti qieset li ma kinitx sodisfatta li l-konvenuti qatt ħallsu għall-merkanzija oriġinali u fejn qalet li ma setgħetx ma tkunx imħassba dwar il-verżjoni tal-appellant Sergio Manchè, jilmentaw li dik il-Qorti ma ħaditx qies tal-fatt li l-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet ma kienx wieħed ta' bejgħ iżda ta' trasferiment '*on consignment*'. Jisħqu li skond il-ftehim li kellhom mal-appellata, huma qatt ma kienu kontrattwalment marbuta li

jħallsu għall-merkanzija oriġinali għaliex huma effettivament qatt ma xtraw dik il-merkanzija, u b'hekk it-tali merkanzija baqgħet proprjetà assoluta tal-appellata sakemm inbiegħet lil terzi. F'dan is-sens, jirreferu għax-xhieda ta' Sergio Manchè u, jilmentaw li l-Ewwel Qorti 'għażlet li tinjora' l-ispjegazzjoni dettaljata li ngħatat minn Manchè u, minflok, straħet għal kollox fuq l-allegazzjonijiet tal-appellata;

12. Għal darb'oħra, jtennu li l-allegazzjonijiet tal-kumpanija appellata ma ġew qatt sostanzjati b'fatti jew dokumenti konkreti u, b'referenza għall-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, jilmentaw li ma tressqet l-ebda prova tal-konsenja li huma ġew ordnati li jroddu lura lill-kumpanija appellata. Sfiq ma' dan, jissottomettu li ma nġabet l-ebda prova tal-valur tal-ewwel konsenja, u ta' kif dan il-valur sata' nbidel matul iż-żminijiet bħal, pereżempju, b'xi '*consignment statement*'. Jgħidu li saħansitra lanqas ma nġabet xi prova li huma aċċettaw u ħadu l-konsenja fil-pussess tagħhom, jew inkella xi prova ta' x'merkanzija kien allegatament fadal fil-ħanut tagħhom mat-temm tal-ftehim. Skont l-appellanti, l-unika prova mressqa mill-attriċi appellata kienet il-figura li ssemmiet mill-awditur Peter Paul Darmanin li, fi kliemhom, ma kienx f'qagħda li jfisser kif wasal għal dik il-figura. Jilmentaw li l-bilanċ imsemmi minn dan ix-xhud ma ġie qatt ġustifikat u, filwaqt li jissottomettu fit-tul għalfejn l-Ewwel Qorti ma kellhiex toqgħod fuq dan ix-xhud, jargumentaw li t-tali ammont huwa "totalment kunfliġġenti" maċ-ċifri msemmija minn Charles Grech u Paul Galea. Skond l-appellanti, il-konferma min-naħa tal-awditur li kien hemm bilanċ

ta' debitu ta' LM29,266.32 fil-kont ta' '*Tabletop*' ma setgħetx għalhekk twassal għaċ-ċertezza morali f'moħħ l-Ewwel Qorti li t-talbiet tal-attriċi kienu tassew mistħoqqa;

13. Ikomplu billi jissottomettu li, b'kuntrarju għall-każ tal-kumpanija appellata, ix-xhieda ta' Sergio Manchè ġiet "*korroborata bis-sħiħ*" mill-kontabbli tiegħu Emmanuel Farrugia. F'dan is-sens, jirreferu għall-fatt li dan tal-aħħar tenna kemm-il darba li Manchè kien qallu li ma kien fadallu l-ebda '*closing stock*' li kien tal-kumpanija appellata u li, wara li waqaf jinnegozja mal-appellata, dan beda jaħdem bi stokk li kien tiegħu personali u li kellu valur ta' xi madwar erbat elef liri Maltin. Jilmentaw li l-Ewwel Qorti 'injorat' dan kollu, u dan minkejja li fatti kif mistqarra minn Farrugia ma ġewx kontestati mill-kumpanija appellata;

14. B'żieda ma' dan kollu, l-appellanti jsemmu wkoll il-fatt li d-direttur tal-kumpanija appellata, Charles Grech, ma kienx f'qagħda li jressaq dokumenti fattwali u konkreti sabiex jissostanzja l-pretensjonijiet tal-kumpanija appellata, u dan għaliex xehed li tali dokumenti kienu intremew. Skont l-appellanti, ix-xhieda ta' dan tal-aħħar tkompli turi kif il-kumpanija appellata naqset milli tressaq 'l-aħjar prova' biex issostni dak li ġie allegat minnha u jargumentaw li fin-nuqqas t'hekk l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom;

15. L-appellanti mbagħad jagħlqu billi jirriproduċu siltiet twal mill-ġurisprudenza dwar il-valutazzjoni tal-provi u l-piż tal-prova fil-qasam tal-proċeduri ċivili. Jirreferu wkoll għall-ġurisprudenza dwar il-kunflitt fil-provi u f'dan is-sens jissottomettu li, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-każ tal-lum, fejn hemm kunflitt bejn il-verżjonijiet tal-partijiet, "*għandha tkun favorita t-teżi tal-parti fil-kawża li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni*";

16. Ikkunsidrat li l-qofol ta' dan l-appell jistrieħ sewwasew fuq il-kritika tal-proċess ta' apprezzament tal-provi mwettaq mill-Ewwel Qorti, il-Qorti tqis li għandha titlaq billi tosserva li filwaqt li din il-Qorti hija mogħnija b'kull setgħa li tinterpreta l-fatti b'mod differenti minn kif tkun fehmithom il-Qorti fl-ewwel istanza, u li fuq kollox għandha d-dmir li twettaq apprezzament awtonomu tal-fatti, fl-istess waqt, ma jistax però jintesa li din il-Qorti m'għandhiex tissostitwixxi b'mod laxk l-apprezzament tal-fatti hekk kif magħmul mill-Ewwel Qorti, u dan speċjalment fejn tidħol il-kredibilità ta' xhieda, jew inkella f'dawk iċ-ċirkustanzi fejn dik il-Qorti tkun għażlet bejn żewġ possibilitajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli[3]. Kif intqal minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***George Galea v. Maria Carmela sive Marica Baldwin***, xogħol il-Qorti fl-istħarriġ ta' aggravju ta' din ix-xorta, huwa propju li: "*tara li bla ma tissostitwixxi l-fehma jew l-apprezzament tagħha tal-fatti mressqa, <u>tqis jekk minn dawk</u>*

---

[3] Ara, fost ħafna oħrajn, is-sentenzi fil-kawżi fl-ismijiet ta': ***Orazio sive Grezzju Azzopardi v. Anthony Azzopardi*** deċiża minn din il-Qorti fil-**31 ta' Mejju, 2023** (App. Ċiv. 1131/2014/1); ***Rosaria Maria Mamo et v. Dael Theuma Whitelaw*** deċiża minn din il-Qorti fil-**25 ta' Jannar, 2023**, (App. Ċiv. 838/2019/1), u ***Philip Gauci et. v. Alfred Gauci et***, deċiża minn din il-Qorti fid-**29 ta' Marzu 2019** (App. Ċiv. Nru. 37/2004/1).

*il-provi l-ewwel Qorti setgħetx raġonevolment tasal għall-fehma li tkun waslet għaliha u jekk dik il-fehma hijiex kontradetta mill-provi li hija kellha jew jekk it-tifsir mogħti minnha għal dawk il-provi huwiex tali li persuna raġonevoli ma tasalx biex tagħmlu."*[4];

17. Wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha li tressqu fl-atti u dan fil-qafas tal-parametri li għadhom kif issemmew kif ukoll fid-dawl tas-sottomissjonijiet tal-partijiet, din il-Qorti jidhrilha li l-ilmenti tal-appellanti mhumiex mistħoqqa, u dan għar-raġunijiet li ser ikunu qed jingħataw minn hawn 'il quddiem;

18. Jibda biex jiġi osservat li minkejja li l-appellanti għandhom raġun meta qed jgħidu li l-kumpanija appellata ma ressqet l-ebda dokumentazzjoni li turi l-kwantità, ix-xorta, u l-prezz speċifiku tal-oġġetti kollha li l-kumpanija appellata qed tgħid li kien għad fadal fil-ħanut tagħhom, u dan fi żmien li fih ġie mwaqqaf in-negozju li kien qed isir bejn il-partijiet, il-Qorti jidhrilha li l-appellanti ma jistgħux b'xi mod jew ieħor 'jiggranfaw' mal-liġi proċedurali u dan billi jargumentaw li l-kumpanija appellata ma ppruvatx il-każ tagħha għaliex naqset milli tressaq l-'aħjar prova'. Għalkemm huwa tassew minnu li l-Artikolu 559 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li l-Qorti għandha d-dmir li titlob li ssirilha l-aħjar prova, ma jistax jintesa li kliem il-liġi fl-Artikolu 559 mhuwiex assolut, iżda

[4] App. Ċiv. Nru. 90/2014/1, deċiża fil-**11 ta' Ottubru 2022** §16.

kwalifikat bil-frażi "*l-aħjar prova li parti tista' ġġib*"[5]. Huwa wkoll mifhum li huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tqis f'kull kawża partikolari liema prova tilħaq il-grad illi tista' tissejjaħ bħala "*l-aħjar*"[6]. Fuq kollox huwa wkoll aċċettat li "*meta hemm ċirkostanzi speċjali li jistgħu jispjegaw il-għaliex ma tistax issir il-prova solita...l-ġudikant jista' jippermetti prova oħra li tissodisfah*"[7];

19. F'dan il-każ, Charles Grech, li kien id-direttur maniġerjali tal-kumpanija appellata, kemm-il darba fisser li r-raġuni wara n-nuqqas tal-preżentata tad-dokumentazzjoni li turi il-kwantità u l-prezz speċifiku tal-oġġetti kollha li l-kumpanija appellata qed tgħid li l-konvenuti ma raddewlhiex lura fit-tmiem tan-negozju ta' bejn il-partijiet, ma kienx minħabba li dik id-dokumentazzjoni ma kinitx teżisti, iżda għaliex dawk id-dokumenti ntremew minn ħuh, bi żball, u dan waqt li kien qiegħed jiżbarazza l-arkivju li kien jinsab fuq raff fl-uffiċju li kellu qabel[8]. Il-Qorti tqis li, f'ċirkustanzi bħal dawn, l-appellanti ma jistgħux jibqgħu jinsistu fuq it-tali dokumenti, u wisq anqas jippretendu li l-Ewwel Qorti kellha taqbad u tiċħad mill-ewwel it-tieni talba tal-kumpanija appellata u dan aktar u aktar meta mill-atti jirriżulta li ma huwa xejn minnu li l-kumpanija appellata

[5] Ara ***Ian Spiteri v. Angelique Xerri,*** deċiża minn din il-Qorti fil-**31 ta' Mejju, 2023**, (App. Ċiv. 556/2018/1) §24.
[6] Ara ***Myriam Fenech Adami v. Anna Gatt et.,*** deċiża minn din il-Qorti fis-**26 ta' Ottubru, 2022**, (App. Ċiv. 1103/2007/1), §§20-21.
[7] Silta meħuda mis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Cassano v. Pellegrini,*** deċiża fis-**16 ta' April, 1937**, li tidher ukoll f'sentenzi oħrajn bħal dawk fil-kawżi fl-ismijiet ta' ***Louis Muscat v. Pauline Muscat,*** deċiża minn din il-Qorti fil-**1 ta' Diċembru, 2009** (App. Ċiv. Nru. 158/2006/1) u ***Dentrade Company Limited v. Jason Briffa et.*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-**28 ta' Jannar, 2008** (App. Ċiv. 1078/2004/1PS).
[8] Ara l-kontroeżamijiet ta' Charles Grech li saru waqt is-seduti tal-1 ta' Lulju, 2009, tad-9 ta' Marzu, 2010, u tal-1 ta' Lulju, 2010, f'paġni 71, 75b, u 94 tal-proċess.

ma ressqet 'l-ebda dokumenti' jew 'provi fattwali' sabiex tissostanzja t-talbiet tagħha;

20. Kemm hu hekk, mill-provi li hemm fl-atti jirriżulta ppruvat li r-rabta ġuridika ta' bejn il-partijiet tnisslet minn ftehim bil-miktub imsemmi bħala *'Sole Agency Agreement',* li ġie ffirmat mill-partijiet f'Mejju tas-sena 1986[9]. B'dan il-ftehim, l-appellanti ntrabtu li mill-ħanut tagħhom bl-isem ta' '*Tabletop*' huma jbiegħu biss oġġetti konsistenti f''*appliances*' domestiċi u ħwejjeġ bħalhom lilhom eskussivament mill-kumpanija appellata[10]. Kien maqbul ukoll li dawk l-oġġetti kellhom jingħaddu lill-appellanti "*on consignment basis*"[11] u li, f'każ li l-kumpanija appellata kienet ser twaqqaf in-negozju tagħha, hija kellha l-jedd li tieħu lura l-istokk kollu li kien ser jifdal fil-ħanut tal-appellanti[12]. Jirriżulta wkoll ippruvat li dan il-ftehim ma baqax biss fuq il-karta, u dwar dan Charles Grech fisser kif din tal-aħħar kienet għaddiet lill-imħarrkin kwantità kbira ta' "*household goods*" *on consignment*, li b'kollox kellhom valur ta' LM33,000.[13]

21. Għalkemm l-appellanti qed jippruvaw jiżirgħu d-dubju anke saħansitra dwar il-kunsinna oriġinali tal-merkanzija u dan billi qed jargumentaw li lanqas biss ma tressqet xi prova tat-tali kunsinna, jew

---

[9] Ara 'Dokument A', mehmuż mar-rikors maħluf li bih inbdiet din il-kawża, f'paġni 5 sa 8 tal-proċess.
[10] Ara l-ewwel klawsola tas-'*Sole Agency Agreement',* f'paġna 5 tal-proċess.
[11] *Ibid*. fi klawsola 8 f'paġna 7 tal-proċess.
[12] Id. fi klawsola 10 f'paġna 7 tal-proċess.
[13] Ara l-affidavit ta' Charles Grech, 'Dok CG', f'paġna 35 tal-proċess.

inkella tal-valur tagħha, il-Qorti rat kif, waqt il-kawża, Sergio Manchè, li huwa l-uniku wieħed mill-appellanti li xehed f'din il-kawża, mhux talli ma ċaħadx dak li qal Charles Grech, anzi huwa stess stqarr għal aktar minn darba li l-kumpanija appellata kienet tassew imlietlu l-ħanut bl-istokk tagħha, u dan mingħajr ma huwa kien ħareġ l-ebda flejjes għal dik il-merkanzija kollha[14]. Dwar il-valur tal-ewwel kunsinna, għandu mbagħad jingħad li għalkemm Sergio Manchè ma kkonfermax dak li qal Charles Grech, Manchè però lanqas ma kkontradixxa lil Grech. Kemm hu hekk, meta ġie kkonfrontat bil-figura ta' LM33,000, għal darba darbtejn, Manche sempliċiment qal li ma jiftakarx kemm kien il-valur oriġinali tal-kunsinna[15] u, mhux biss ma ċaħadx li kienet iġġib il-valur imsemmi minn Grech, anzi huwa stess irrikonoxxa li l-valur ta' dik il-kunsinna "*kien eluf ta' liri żgur*"[16]. Fiha nfisha, ix-xhieda ta' Grech tikkostitwixxi prova tajba, u ġaladarba li ma ġiex kontradetta, ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn l-Ewwel Qorti ma setgħetx toqgħod fuq il-verżjoni ta' Grech[17] u dan minn tal-inqas sa fejn għandu x'jaqsam mal-valur oriġinali tal-kunsinna;

22. Daqstant ieħor li m'hemm l-ebda raġuni tajba għalfejn l-Ewwel Qorti ma kellhiex temmen lil Charles Grech meta fisser kif, fi tmiem in-negozju

[14] Ara x-xhieda ta' Sergio Manchè, mogħtija fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2013 f'paġna 155B tal-proċess, kif ukoll il-kontroeżami ta' l-istess xhud li sar waqt is-seduta tas-17 ta' Frar, 2016, f'paġna 251 tal-proċess.
[15] Ara l-kontroeżamijiet li saru lil Sergio Manchè waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju, 2015 u s-17 ta' Frar 2016, f'paġni 241 u 251 tal-proċess.
[16] Ara l-kontroeżami li sar lil Sergio Manchè waqt is-seduta tas-17 ta' Frar, 2016, f'paġna 251 tal-proċess.
[17] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Maria Edwina Spiteri v. Yvonne Mckinnon**,* deċiża minn din il-Qorti fit-**3 ta' Ottubru, 2007**.

ta' bejn il-partijiet, l-attriċi appellata kien fadlilha fil-ħanut tal-appellanti, stokk b'valur ta' LM 29,266.32[18]. Mill-provi jidher li Charles Grech ma fajjarx dik il-figura minn żniedu. Kemm hu hekk, fis-seduta tal-15 ta' Ġunju, 2010, u sewwasew waqt li kien qed isirlu l-kontroeżami dwar dak li kiteb fl-affidavit tiegħu[19], Grech mhux biss issostanzja l-figura msemmija minnu b'ittra mill-awditur tiegħu, li fiha hemm imfisser kif mill-kontijiet tal-kumpanija appellata għas-sena 1997, jirriżulta li fil-'*consignment account*' ta' '*Tabletop*' kien hemm bilanċ fl-ammont ta' LM29,266.32[20], iżda saħansitra ressaq ukoll dokument ieħor datat '<u>27 ta' Frar 1998'</u> u li juri kif bejn l-ewwel ta' Novembru tas-sena 1997 u l-31 ta' Jannar 1998, il-bilanċ tal-'*Consignment Account*' f'isem ta' '*Tabletop*' kien tassew jammonta għal LM 29,266.32, u dan kif mistqarr minnu u mill-awditur tiegħu[21]. Fil-fehma tal-Qorti, dawn iż-żewġ dokumenti mhumiex ta' xi ftit relevanza għal dan il-każ, u dan għaliex skond Emanuel Farruġia li kien il-kontabbli tal-appellanti stess "*is-sistema tal-consignment account waqfet fis-sena 1996 jew fis-sena 1997*"[22] u b'hekk dawn id-dokumenti, speċjalment dak tal-aħħar, jixħtu dawl oġġettiv fuq x'bilanċi kien fadal fiż-żmien li fih ġie fi tmiemu n-negozju ta' bejn il-partijiet;

---

[18] Ara paragrafu 8 tal-affidavit ta' Charles Grech, 'Dok CG', f'paġna 36 tal-proċess.
[19] Ara l-kontroeżami ta' Charles Grech li sar waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju, 2010, f'paġni 81 u 82 tal-proċess.
[20] Ara Dokument CA1, f'paġna 84 tal-proċess.
[21] Ara Dok 'KB', f'paġna 85 tal-proċess.
[22] Ara l-kontroeżami ta' Emanuel Farruġia, tat-25 ta' Mejju, 2006, f'paġna 259 tal-proċess.

23. B'żieda mad-dokumenti li għadhom kif qed jissemmew, il-kumpanija appellata ressqet ukoll dokumenti oħra li jkomplu jsaħħu l-każ tagħha. Fost tali dokumenti, tressqet dikjarazzjoni maħlufa mill-awditur Peter Paul Darmanin, li fiha, dan stqarr taħt ġurament li "*[g]oing through the audit file for 1996 there is a figure in the Table Top Consignment Account of LM 29,266.32. This is included in debtors, as being amount due from Table Top. There was no other movement since that date.*"[23]. Għalkemm fir-rikors tal-appell tagħhom l-appellanti nfexxew f'litanija sħiħa ta' kritika kontra dan l-awditur, din il-Qorti xorta waħda jidhrilha li din l-istqarrija ta' Darmanin għandha mis-sewwa, u dan għaliex tali figura hija sostnuta bid-dokumenti li l-istess awditur esebixxa *animo ritirandi* fis-seduta tal-5 ta' Mejju, 2015[24] u li, ħaġa tal-għaġeb, l-appellanti mank biss għamlu xi referenza waħda għalihom u dan daqslikieku mhumiex fl-atti! Minn dawn id-dokumenti, li Darmanin fisser li ġabhom mill-'*audit file*' li baqa' fil-pussess tiegħu miż-żmien ta' meta kien jagħmel l-awditjar lill-kumpanija appellata[25], jirriżulta li f'dokument datat 8 ta' Mejju, 1997, l-awdituri niżżlu bħala parti mid-"*debtors control account – other creditors*", l-ammont ta' LM29,266.32 li saret referenza għalih bħala "*[b]eing amount owed by tabletop*"[26]. Għandu wkoll jingħad li fost is-sensiela ta' dokumenti li tressqu mill-'*audit file*' tal-awditur Peter Paul Darmanin, hemm ukoll dokument datat 3 ta' Frar, 1997, li juri kif, dakinhar, is-sistema

[23] Ara 'Dok PPD', f'paġna 40 tal-proċess. Enfasi miżjuda mill-Qorti.
[24] Ara 'Dok PPDX1, f'paġni 179 sa 233 tal-proċess.
[25] Ara l-kontroeżami ta' Peter Paul Darmanin, f'paġni 235 u 236 tal-proċess.
[26] Ara 'Dok F6', f'paġna 231 tal-proċess.

kompjuterizzata tal-kumpanija appellata kienet qed turi bħala "*Credit*" il-bilanċ ta' Lm29,266.32, u dan fil-kont bl-isem "*Consignment – Tabletop*"[27]. Dokument simili però datat 27 ta' Frar, 1998, ikompli juri kif sal-31 ta' Jannar 1998, ma kien hemm l-ebda ċaqlieq fil-'*consignment account*' ta' '*Tabletop*' u fil-fatt jidher li f'dak iż-żmien il-bilanċ f'dak il-kont baqa' fl-ammont ta' LM 28,266.32[28] u dan eżatt bħalma qal l-awditur Darmanin fid-dikjarazzjoni maħlufa tiegħu[29]. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-imsemmija dokumenti u ż-żmien li fih saru, jikkorroboraw ix-xhieda ta' Charles Grech u jikkostitwixxu provi tajbin biżżejjed li, fuq is-saħħa tagħhom, l-Ewwel Qorti setgħet toqgħod u tifforma l-ġudizzju tagħha hija u tqis liema, mill-verżjonijiet li kellha quddiemha, setgħet tagħżel li temmen u liema twarrab;

24. Kif qal sewwa l-avukat tal-kumpanija appellata waqt it-trattazzjoni bil-fomm li nżammet quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2023, prova oħra li tkompli xxaqleb il-keffa tal-miżien favur il-verosomiljanza tat-teżi tal-kumpanija appellata, hija mbagħad ix-xhieda ta' Paul Galea li kien il-kontabbli tal-appellata bejn Jannar tas-sena 1990 u Ġunju tas-sena 1995[30]. Permezz ta' affidavit, dan ix-xhud, li ma ġiex kontroeżaminat, fisser li, meta huwa beda jaħdem mal-appellata, in-negozju ta' bejn il-partijiet kien diġà fis-seħħ u li "*Sergio Manchè kellu*

[27] Ara 'Dok E5', f'paġna 225 tal-proċess.
[28] Ara 'Dok C', f'paġna 217 tal-proċess.
[29] Ara paragrafu 4 ta' 'Dok PPD', f'paġna 40 tal-proċess.
[30] Ara l-affidavit ta' Paul Galea, f'paġni 44 u 45 tal-proċess.

*żewġ debtors' accounts f'isem Tabletop: wieħed f'ammont għal "stock on consignment" u l-ieħor kien jirrappreżenta d-"day to day basis managament*"[31]. B'mod partikolari dan ix-xhud qal li "*l-valur tal-consignment account" kien xi ħaġa aktar minn tletin elf lira Maltin*"[32] u li, matul iż-żmien li fih kien impjegat tal-appellata, dan il-valur dejjem baqa' xi ħaġa aktar minn LM 30,000 u "*jekk varja allura varja bi ftit*"[33]. Dwar din l-osservazzjoni tal-aħħar, Galea fisser li "*l-"household goods" li kienu ġew mogħtija lil Sergio Manchè "on consignment" kienu jiġu replaced mis-soċjetà ECHE b'"household goods" simili u mħallsa skond l-invoice*"[34]. L-istess spjegazzjoni ngħatat minn Charles Grech li fisser kif "*il-konvenuti kienu jżommu record tal-bejgħ li jkunu għamlu u jħallsu lis-soċjetà ECHE l-prezz tal-merkanzija li tkun biegħet "at wholesale price", u bl-affarijiet li jbiegħu kienu, sa fejn possibbli, jiġu riplacjati mis-soċjetà' ECHE b'merkanzija simili "on consignment". Meta ma jkunx hemm stokk biex jirriplacja dak li jkun inbiegħ il-prezz tiegħu kien jitnaqqas mill-ammont tal-"consignment account*"[35]. Fil-kontroeżami tal-15 ta' Ġunju, 2010, l-istess xhud kompla jfisser li kien sewwasew minħabba dan il-fatt tal-aħħar li, fit-tmiem tan-negozju ta' bejn il-partijiet, l-ammont tal-'*consignment account*' niżel għal LM29,266.32, u dan "*peress li kien hemm xi xogħol li Sergio Manche kien biegħu, u aħna ma riplesjajniex dak ix xogħol u għal hekk*

[31] *Ibid.* paragrafu 2, f'paġna 44 tal-proċess.
[32] *Ibid.*
[33] *Ibid.* paragrafu 7, f'paġna 45 tal-proċess.
[34] *Ibid*, paragrafu 3, f'paġna 45 tal-proċess.
[35] Ara l-affidavit ta' Charles Grech, 'Dok CG', f'paġna 35 tal-proċess.

*jonqos mill-bilanċ*"[36]. Fil-fehma tal-Qorti, din l-ispjegazzjoni ta' Grech meta meħuda wkoll fil-qafas ta' dak li qal Galea, hija waħda verosimili u l-fatt waħdieni li Galea semma il-figura ta' ftit aktar minn tletin elf u Grech semma l-figura ta' LM29,266.32, ma jagħmilx ix-xhieda ta' dawn it-tnejn "*totalment kunfiġġenti*", bħalma ħażin qed jgħidu l-appellanti. Galea telaq minn mal-kumpanija appellata f'Ġunju tas-sena 1995, u għalhekk hemm raġuni plawsibbli għalfejn il-valur tal-"*consignment account*" niżel minn "*xi ħaġa aktar minn tletin elf lira Maltin*" għall-figura ta' LM29,266.32 msemmija minn Grech u kkonfermata mill-awditur Peter Paul Darmanin. Kuntrarjament għal dak li qed jgħidu l-appellanti, ix-xhieda ta' Galea issostni il-verżjoni ta' Grech, u mhux bil-kontra;

25. Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, din il-Qorti jidhrilha li l-Ewwel Qorti kellha tassew raġun li tqis li l-verżjoni tal-kumpanija appellata ġiet sostanzjata kemm b'xhieda kif ukoll b'dokumentazzjoni u, f'ċirkostanzi bħal dawn, il-Qorti tqis li kien għalhekk imiss lill-konvenuti li jressqu provi b'saħħithom biżżejjed sabiex ixejnu l-pretensjonijiet tal-kumpanija appellata, u fuq kollox isostnu l-eċċezzjoni tagħhom li, fit-tmiem il-ftehim, ma kien fadlilhom l-ebda pendenzi mal-kumpanija appellata u li b'hekk m'għandhom l-ebda merkanzija xi jroddu lill-attriċi u wisq anqas m'huma debituri tagħha. Wara kollox, daqskemm l-atturi għandhom mixħut fuq spallejhom il-piż li jsostnu l-fatti li jikkostitwixxu s-sies tal-jedd azzjonat

[36] Ara l-kontroeżami ta' Charles Grech, li sar waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju, 2010, f'paġna 82 tal-proċess.

minnhom ("*actori incumbit probatio*"), daqstant ieħor huma l-konvenuti mgħobbija bl-obbligu li jippruvaw id-difiża miġjuba minnhom sabiex jikkuntrastaw il-pretensjonijiet tal-atturi ("*reus in excipiendo fit actor*")[37];

26. Għalkemm li l-appellanti ppruvaw isostnu l-eċċezzjonijet tagħhom permezz tax-xhieda ta' wieħed minnhom, u sewwasew Sergio Manchè, din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti mhija xejn konvinta minn dan ix-xhud. Ibda biex, il-Qorti tqis bħala wisq improbabbli l-fatt li l-konvenut kien ser jirritorna l-merkanzija lill-kumpanija appellata u dan mingħajr biss ma jingħata l-ebda irċevuta jew xi forma ta' skrittura li tiddokumenta r-radd lura ta' dik il-konsejna li kienet ta' valur sostanzjali: jew li kien tassew radd lura xi merkanzija bla ma saħaq li jingħata riċevuta;

27. Daqstant ieħor il-Qorti ssib bil-wisq diffiċli li temmen lil Manchè meta qal li Charles Grech kien ħariġlu kont tal-oġġetti li kien għad fadal fil-ħanut u li huwa kien ħallsu tagħhom qabel ma beda bin-negozju l-ġdid. Filwaqt li b'din il-verżjoni, Manchè indirettament ammetta li żamm għalih xi oġġetti li kienu tal-kumpanija appellata, f'kull każ, u kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, ġaladarba Manchè allega li huwa ħallas lill-attriċi tal-merkanzija li kien żamm, huwa kien obbligat li jipprova dak li qal b'mod oġġettiv u sħiħ[38]. Jinsab tabilħaqq miżmum fil-ġurisprudenza li għalkemm

[37] Ara: ***L-Avukat Dottor Mark Attard Montalto et v. L-Avukat Dottor Michelle Tabone noe.*** deċiża minn din il-Qorti fit-**12 ta' Lulju, 2023**. (App. 1173/11/1).
[38] Ara ***Charles Schembri v. Jean Schembri,*** deċiża mit-Tribunal għat-Talbiet Żgħar fid-**9 ta' Jannar, 2019**, (Avviż. Nru. 550/2017KCX) (mhux appellata).

li fin-nuqqas ta' riċevuta, il-prova tal-ħlas tad-dejn tista' ssir b'mezzi oħra, madanakollu dik il-prova għandha tkun waħda għas-sodisfazzjoni tal-Qorti u "*f'każ ta' dubju u fin-nuqqas ta' rċevuta għandha tirbaħ il-preżunzjoni li d-dejn ma jkunx tħallas*"[39]. Minn ħarsa lejn l-atti, din il-Qorti jidhrilha li l-Ewwel Qorti kellha tassew raġun li ma tkunx sodisfatta li Manchè tassew ħallas bħalma qal. Bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti jidhrilha li Manche kien vag u ġeneriku ħafna fix-xhieda tiegħu. Kemm hu hekk, Manchè mank biss kien kapaċi li jsemmi l-ammont li ħallas lill-attriċi, u filwaqt li qal li huwa kien ħallas lill-appellata anke bil-mezz ta' ċekkijiet, huwa però naqas għal kollox milli jissustanzja dan billi, pereżempju, jressaq xi xhud tal-bank biex jixhed dwar dawk il-ħlasijiet jew tal-inqas jippreżenta l-kopja ta' dawk iċ-ċekkijiet li seta' faċilment iġib mill-bank;

28. Minkejja li l-appellanti qed jippruvaw ipattu għan-nuqqasijiet tagħhom billi qed jagħtu l-impressjoni li x-xhieda ta' Manchè ġiet korroborata "*bis-sħiħ*" bix-xhieda ta' Emanuel Farrugia, minn ħarsa lejn it-traskrizzjonijiet ta' xhieda ta' dan tal-aħħar, jirriżulta però mod ieħor. Farruġia, li huwa l-kontabbli ta' Manchè, kien ċar ħafna fix-xhieda tiegħu u meta qal li Manchè beda n-negozju 'l-ġdid' tiegħu b'*'opening stock'* li kien tiegħu personali, huwa sempliċement qiegħed itenni dak li qallu Manchè stess, u mhux jissostanzja dak li qal Manchè[40]. Kemm hu hekk,

[39] Ara ***360 Retail Supplies Limited v. Maged Fawzy Shokry Iskandar et*** deċiża minn din il-Qorti fis-**27 ta' April, 2023**. (App. Ċiv. 1174/2019/1) §§ 33 sa 34.
[40] Ara x-xhieda ta' Emmanuel Farrugia, mogħtija fl-20 ta' Novembru 2008, f'paġna 58 tal-proċess, u l-kontroeżamijiet li saru lil dan l-istess xhud fis-seduti: (i) tas-27 ta' April, 2009 f'paġna 66 tal-proċess; u (ii) tal-25 ta' Mejju, 2006, f'paġna 260 tal-proċess.

minbarra li Farruġia stqarr li huwa ma kienx talab jew ra xi evidenza dwar dak li qallu Manche[41], għamilha wkoll ċara li huwa mhux biss li ma kien jaf xejn dwar x'ġara mill-merkanzija li kienet tal-appellata u baqgħet fil-ħanut ta' Manchè[42], iżda saħansitra stqarr li lanqas biss ma kien jaf bl-eżistenza tal-"*consignment account*", u dan sakemm ittella' jixhed f'din il-kawża[43]. Il-konvenuti mhux biss għalhekk ma ressqu l-ebda forma ta' dokumentazzjoni biex jissostanzjaw l-eċċezzjonijiet tagħhom fil-mertu, iżda saħansitra naqsu milli jressqu mqar xhud wieħed li jikkorrobora b'mod oġġettiv il-verżjoni ta' Manchè;

29. Filwaqt li dak kollu li għadu kif qed jissemma huwa biżżejjed biex l-Ewwel Qorti setgħet tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-appellanti u taqta' l-kawża bil-mod ta' kif iddeċidietha, din il-Qorti jidhrilha li, f'kull każ, l-appellanti ma jistgħux jippretendu li l-Ewwel Qorti kellha tiċħad it-talbiet tal-kumpanija appellata u dan fuq is-sempliċi fatt li l-verżjoni ta' Manchè ma taqbilx ma' dik ta' Charles Grech. Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li mhux kull kunflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lill-qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew biex tistrieħ fuq il-prinċipju ta' '*actore non probante reus absolvitur*'[44]. F'każijiet bħal dawn, huwa sewwasew xogħol il-Qorti li tqis liema waħda mill-verżjonijiet li tkun

---

[41] Ara l-kontroeżami ta' Emanuel Farrugia, f'paġna 260 tal-proċess.
[42] *Ibid*.
[43] *Ibid*. f'paġni 67, 68 u 260 tal-proċess.
[44] Ara ***Stephen Tanti et v. Louis Scerri Montaldo et.*** deċiża minn din il-Qorit fit-**8 ta' Ottubru, 2020** (App. Ċiv. 27/2011/1) § 19.

ingħatat hija l-aktar waħda li titwemmen u li tista' toqgħod fuqha[45]. Tabilħaqq, huwa mifhum li l-ġudikant għandu juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex, mill-provi miġjuba matul is-smigħ tal-kawża, huwa jqis dawk li l-provi li huma l-aktar kredibbli u xierqa sabiex jasal għall-konviċiment ħieles tiegħu[46]. Fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa l-ġudikant jista' jaċċetta x-xiehda ta' xi wħud u jwarrab jew jiskarta oħrajn u jsejjes il-ġudizzju tiegħu fuq ċertu provi, aktar milli oħrajn[47]. Il-fatt innfisu li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset li tipprova l-każ tagħha kif imiss, u dan għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka[48]. Għar-raġunijiet li ġew mogħtija fil-paragrafi ta' qabel dan, il-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm biżżejjed provi fl-atti li jagħtu aktar piż lill-verżjoni tal-kumpanija appellata minn dik tal-appellanti u għalhekk din il-Qorti ma ssib xejn irraġonevoli fil-fatt li l-Ewwel Qorti dehrilha li l-kumpanija appellata rnexxielha tipprova l-każ tagħha. Lanqas ma jgħodd il-prinċipju msemmi mill-appellanti li, fejn ikun hemm konflitt tant qawwi bejn il-verżjonijiet tal-partijiet, tirbaħ il-verżjoni tal-parti mħarrka;

---

[45] Ara ***L-Avukat Dottor Richard Bernard noe. v. Luma Holding Limited,*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-**4 ta' Novembru, 2022**, u kkonfermata minn din il-Qorti fil-**31 ta' Mejju, 2023**. (App. Ċiv. 53/2020/1).
[46] Ara ***Joginder Singh Dhingsa v. Anthony Grech et*** deċiża minn din il-Qorti fil-**31 ta' Mejju, 2023**, (App. Ċiv. 555/15/1) § 24.
[47] *Ibid*. Ara wkoll ***Paul Fenech v. Carmel Cortis,*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-**16 ta' Settembru 2022**. (Rik. 1249/2011CFS) (mhux appellata) § 83.
[48] Ara ***Mercury Investments Limited v. Roberta Grech***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-**21 ta' April, 2016** (Rik. 439/2007) (mhux appellata).

30. Wara kollox, jidher ukoll li Sergio Manchè mhux nieqes minn imġiba li ddgħajjef sewwa l-affidabilità tiegħu. Kemm hu hekk, Joseph Portelli, li kien il-persuna li laqqa' lill-partijijiet biex jibdew jinnegozjaw flimkien, xehed li minkejja li Manchè kien wiegħdu li jagħtih għaxra fil-mija mill-profitti li kien ser jagħmel min-negozju mal-appellata, huwa baqa' b'xiber imnieħer għaliex Manchè kien daħaq bih billi kien dejjem jgħidlu li n-negozju "*sejjer brodu*", u dan meta ftit taż-żmien wara xtara karozza, beda jsiefer, u akkwista appartament fis-Swieqi[49]. Minkejja d-dell ikrah li Portelli tefa' fuq il-karattru ta' Manchè, il-konvenuti la għamlu xi kontroeżami lil Portelli u wisq anqas ma kkontradixxew dak li qal dan ix-xhud. Ix-xhieda ta' Portelli setgħet għalhekk titqies ukoll bħala prova ċirkustanzjali dwar il-karattru ta' Manchè, u tkompli tikkonvinċi lil din il-Qorti kemm l-Ewwel Qorti kellha raġun li ma toqgħodx fuq il-kelma ta' Manchè li fit-tmiem tan-negozju ta' bejn il-partijiet, l-appellanti ma kien fadlilhom l-ebda pendenzi mal-appellata, u li kienu rritornaw l-merkanzija mgħoddija lilhom "*on consignment*", filwaqt li ħallsu għall-bqija tal-merkanzija li kien fadlilhom fil-ħanut;

31. Fl-aħħarnett, ladarba l-merkanzija kienet konsenjata lill-imħarrkin fuq is-saħħa ta' trasferiment "*on consignment*", il-proprjetà ta' dik il-merkanzija baqgħet tal-appellata u kien għalhekk id-dritt tagħha li,

[49] Ara l-affidavit ta' Joseph Portelli, 'Dok JP', f'paġni 52 u 53 tal-proċess.

ladarba ma tħallsitx tagħha, titlobha lura[50]. Bħalma huwa magħruf – u jidher li huwa aċċettat miż-żewġ partijiet f'din il-kawża – negozju bħal dak mhuwiex bejgħ iżda jixxiebaħ ma' kuntratt ta' kummissjoni[51] u għalhekk il-proprjetà tal-ħaġa tibqa' fil-parti li għamlet il-konsenja u ma ddurx għand il-konċessjonarju. F'dan il-qafas legali, it-talba tal-appellata kienet waħda f'lokha u, mill-eżami tal-provi, mistħoqqa;

32. Tħares minn fejn tħares, l-ilmenti tal-appellanti ma jirriżultawx li huma mistħoqqa u fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti jidhrilha li l-Ewwel Qorti għamlet sewwa li laqgħet it-tieni talba tal-kumpanija appellata;

33. Għaldaqstant l-aggravji tal-appellanti mis-sentenza appellata ma jirriżultawx mistħoqqa;

## *Decide:*

34. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** u b'hekk qed **tikkonferma** għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' April, 2018, fil-kawża fl-

---

[50] App. Ċiv. **26.5.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Strings Enterprises Ltd v. Philip Carbonaro et***

[51] App. Inf. PS **22.6.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Joanna Briffa v. Bernard Gauċi et***; u P.A. JZM **6.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranea Distribuzioni SrL v. Dr Richard Gale Debono noe***

ismijiet premessi, b'dan illi t-tletin jum imsemmi fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata għandu jibda jgħodd mid-data ta' din is-sentenza;

**Tordna** li l-**ispejjeż** tal-ewwel istanza jibqgħu hekk kif deċiżi mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, filwaqt li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-appellanti *in solidum*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da